Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA 2019**

**SEDUTA NUMRU 46**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar il-Ħamis 1 ta' Settembru 2022 fl-4.31pm.

Din il-laqgħa qed issir ukoll online.

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Mary Anne Abela | - | Viċi Sindku |
| Anna Pisani | - | Kunsillier (17.28) |
| Matthew Bonello | - | Kunsillier |
| Alex Chetcuti | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Paul Fenech | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Aġent Segretarju Eżekuttiv

Is- Sindku qal it-talba.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**46.1 Approvazzjoni ta' Minuti**

46.1.1 Il-Minuti tas- Seduta Nru.45 ġew approvati. Il-Kunsillier P.Fenech ippropona u l-Viċi Sindku ssekondat.

**46.2 Punti li joħorġu mill-Minuti**

46.2.1 Il-Viċi Sindku staqsiet jekk bdewx jiġu nstallati is-sinjali ta' traffiku li kienu ordnati. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat li twaħħlu xi sinjali illum imma għad fadal xi jsir bħal per eżempju t-tabella ta' Triq is-Sebħ ( Merbħa Madliena). Hija staqsiet ukoll dwar meta se jiġu nstallati bins, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat li x'akxtarx dan ix-xogħol se jibda' nhar l-Erbgħa 7 ta' Settembru.

46.2.2 Il-Viċi Sindku talbet sabiex kemm jista' jkun malajr jsir kuntatt ma' TM dwar l-immaniġjar ta; traffiku fi Triq Sant Andrija speċjalment hekk kif taqbeż l-ex Forum Hotel sa ma taqbad ir-roundabout ta' Triq il-Perkursur. Ta' spiss qed ikun hemm aċċidenti gravi u sfortunatament qed nistennew li jkun hemm xi wieħed fatal minħabba li s-sewwieqa mhux inaqqsu l-veloċita' biex idduru b'mod sigur ma' roundabout. Apparti minn hekk dawk neżlin minn Triq il-Perkursur qed issibuha ferm diffiċli biex joħorġu fi Triq Sant Andrija. Wara diskuzzjoni,ġie deċiż li jsir kuntatt mas-Sur T. Debono sabiex issir laqgħa fuq il-post. Hija pproponiet li ssir Camera f'din iż-żona bħal hemm fi Triq il-Kosta.

46.2.3 Il-Kunsillier T.Valentino staqsiet jekk hemmx xi konferma dwar l-applikazzjoni tal-fondi sabiex jiġi organizzat Clean-Up fi Triq il-Madliena. L-Aġent SE infurmat li s'issa għad m'hemmx l-ebda konferma pero' hija nfurmat li dal-waqt se nkunu nafu. Hekk kif nkunu nafu, ir-Reġjun Lvant se jkun qed jipprepara poster adattat għaż-żewġ Kunsilli ( Għargħur u Swieqi). Din l-attivita' hija pjanata li ssir nhar Tlieta 13 ta' Settembru.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**46.2 Punti li joħorġu mill-Minuti**

46.2.5 Il-Kunsillier E.Rossignaud staqsa jekk kienx hemm xi żvillupi dwar one-way ta' Triq is-Sejjieħ.Is-Sindku infurmah li din ġiet implimentata llum u li s'issa jidher li intlaqgħet tajjeb.

46.2.6 Il-Kunsillier E.Rossignaud informa li se jkun qed jiltaqa' ma' Sur Bonello dwar pjan ta' l-immaniġjar ta' traffiku nhar it-Tlieta 6 ta' Settembru fl-10.30am.

46.2.7 Il-Viċi Sidku staqsiet jekk kienx hemm xi żvillupi dwar l-installazjoni ta' traffic calmers fi Triq il-Madliena u Triq Wied id-Dis. L-Aġent SE infurmart li l-applikazzjoni saret u ġiet milqugħa. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li tintbagħat ittra lil residenti tal-madwar qabel ma' dawn jiġu nstallati. Il-Viċi Sindku nfurmat ukoll li se tkun qed tagħmel kuntatt ma' residenti ta' Triq il-Madliena.

46.2.8 Il-Kunsillier T.Valentino staqsiet jekk kienux ġew ordnati t-tabelli li jindikaw fejnhu l-Kunsill. L-Aġent SE infurmat li dawn huma ordnati u qed nistennew lil kuntrattur biex jinstallahom.

46.2.9 Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet jekk kienx hemm progress dwar il-ġbir ta' *email addresses* ta'residenti sabiex dawn jkunu jżommu ruħhom aġġornati bi żvilluppi ġodda. L-Aġent SE infurmat li l-poster qed jiġi ppreperat u se jkun ppublikat fuq il-paġna tal-Kunsll fil-jiem li ġejjin.

**46.3 Rapport mis- Sindku**

46.3.1 Is-Sindku ppreżenta rapport idettaljat li se jkun aness ma' dawn il-Minuti bħala App. A.

46.3.2 Is-Sindku nforma li nhar it-12 t'Awwissu, huwa flimkien mal-Kunsillier E.Rossignaud u l-Aġent SE attendew għal laqgħa li saret ma' l-Onor. Zerafa Civelli. Is-Sindku rringrazzjaha talli laqghtana u offritilna l-ħin tagħha biex tismagħna. Hu ppreżenta rapport iddetaljat dwar il-ħtiġijiet tal-Kunsill.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**46.3 Rapport mis- Sindku**

46.3.3 Nhar is-17 t'Awwissu, hu kellu laqgħa mal-Perit tal-Kunsill dwar il-possibilita' li jibda' jsir ix-xogħol amministrattiv fuq il-proġett tal-paving ta' Triq tal-Ibraġ. L-Aġent SE flimkien mal-Peit se jibdew jaħdmu fuqu u se jaraw il-finanzi li hemm disponibli fi DPF Funds.

46.3.4 Nhar is-26 t'Awwissu flimkien mal-Kunsillier A.Chetcuti attendew għal laqgħa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill ma' l-uffiċċjali ta' l-ERA dwar il-possibilta' li jsiru aktar bring-in-sites fis-Swieqi/Madliena minħabba li skond l-ammont ta' popolazzjoni skond il-liġi hemm bżonn li jsir set ieħor ta' bring-in-sites. Wara diskuzzjoni fit-tul, ġie deċiż li dawn jsiru fil-Madliena fiż-żona tal-Melita.

46.3.5 Is-Sindku nforma li nhar it-23 t'Awwissu kellu laqgħa mal-Community Police flimkien mal-Viċi Sindku u l-Kunsillier R.Scicluna. Hawn ġew diskussi diversi punti fosthom il-problema li diversi vetturi għadhom qed jgħaddu one-way mill-parti l-ġdida ta' Triq il-Qasam.

46.3.6 Is-Sindku nforma li nhar il-31 t'Awwissu saret laqgħa organizzata mir-Reġjun Lvant fis-sala tal-Kunsill dwar l-escooters. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti wkoll il-Viċi Sindku u rappreżentanti tal-WizzScooters.

46.3.7 Is-Sindku nforma li aktar kmieni dan ix-xahar meta għamlet ix-xita, 2 residenzi u ħanut ta' xagħar sofrew xi danni peress li żbroffa d-drenaġġ fil-bini privat tagħhom. Hu flimkien mal-Kunsill mal-ewwel infurmaw lil IM b'din il-problema u fuq il-post ġew anke l-uffiċċjali tal-WSC. Is-Sindku mar fuq il-post diversi drabi sabiex jiġi stabilit kif il-Kunsill jista' jkun t'għajnuna.

46.3.8 Rigward Ġnien Esprit Barthet, jidher li x-xogħol issa ġie ffinalizzat, fadal xi xogħol li jrid jsir fuq railing ta' madwar il-ġnien. L-Aġent SE infurmat li dan se jkun qed issir fil-ġimgħat li ġejjin, hekk kif dan jitlesta' il-Perit se jkun qed joħroġ l-aħħar ċertifikat ta' xogħol li sar sabiex issir it-talba uffiċjali lil DPF għal fondi.

46.3.9 Rigward il-planters ta' Triq il-Kartoċċ, is-Sindku nforma li 2 minnhom diġa' saru imma fadal l-aħħar waħda. Jidher li hemm problema bl-arblu u għaldaqstant kellha ssir applikazzjoni ma' l-Enemalta biex dan jkun jista' jitneħħa. Is-Sindku hu ta' l-opinjoni li jista' jsir xi tibdil żgħir biex ix-xogħol jitkompla minngħajr ma jitneħħa l-arblu.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**46.3 Rapport mis-Sindku – tkompli**

46.3.10 Rigward il-kostruzzjoni ta' tennis clubhouse, is-Sindku nforma li sa issa jidher li ma kienx hemm żvilluppi u se jsir kuntatt mal-Perit tal-Kunsill.

46.3.11 Rigward is-suġġeriment li triq ġdida fi Triq Espirt Barther tissemma għal Mons. Victor Grech, is-Sindku nforma li sfortunatament dan ma jistax iseħħ. Wara diskuzzjoni,ġie deċiz li din it-triq tissemma' għal mibki Tabib Mario Tabone. L-Aġent SE ħadet l-inkarigu li tinforma lid-Dipartiment.

46.3.12 Is-Sindku nforma li issa jmiss li jsiru sinjali ta' żebgħa ta' traffiku fi Triq is-Sidra. L-Aġent SE infurmat li hija diġa' bagħtet reminder lil kuntrattur.

46.3.13 Rigward il-kostruzzjoni ta' Triq il-Miżura, skond l-aħħar informazzjoni jidher li għaddejin il-preparamenti biex din tibda' ssir. Is-Sindku informa li ta' kuljum se jibqa' jibgħat reminders sabiex jkollu risposta finali.

46.3.14 Is-Sindku nforma li hemm bżonn li jitħejja rapport dwar it-tiswijiet pendenti minn naħa ta' l-Enemalta kif ukoll dwar l-ispiża totali tal-manutenzjoni tad-dawl.

46.3.15 Is-Sindku nforma li ġew deċiżi r-rebbieħa ta' Ġieħ is-Swieqi 2022. Dawn se jitħabbru nhar il-15 ta' Settembru 2022 waqt iċ-ċerimonja.

46.3.16 Huwa nforma li għal dis-sena, Swieqi Run mhux se ssir minħabba li sfortuntament ma stajnix insibu nies li jorgnizzawha. Is-Sindku fakkar li din id-darba Swieqi Fest se jsir bejn is-16 u 18 ta' Settembru. Kulħadd huwa mistieden li jattendi.

46.3.17 Is-Sindku ppreżenta stqarrija għall-istampa dwar il-problema li l-lokalita' qed taffaċċja minħabba l-ħruġ ta' skart illegali barra mill-ħinijiet tal-ġabra. Kien propost li din l-istqarrija tintbagħat lil ġurnali lokali kollha. Il-Kunsillier A.Chetcuti astjena peress li hu jħoss li fil-passat kienu ġew offruti opportunitajiet minn naħa tal-Cleansing Dept. sabiex tinżamm iktar indafa bħal ġbir tal-borża sewda fil-Ħdud.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**46.4 Kommunikazzjoni mill-Kunsillieri**

Mill-Kunsillier E.Rossignaud

46.4.1 Il-Kunsillier ippreżenta r-rapporti ddettaljati dwar l-applikazzjoni li nħarġu mill-PA f'dawn l-aħħar 3 xhur. Dawn ir-rapporti ġew preperati mill-Perit A.Valentino. Huwa nforma li l-Kunsill oġezzjona għal 24 applikazzjoni u bħalissa l-Kunsill qiegħed involute f'ħames appelli.

46.4.2 Il-Kunsillier staqsa jekk kienx hem xi indikazzjoni meta se jibdew ix-xogħlijiet fuq il-grada ta' Ġnien FX Ebejer. L-Aġent SE infurmat li dawn xogħlijiet ilhom skedati li jibdew u se tkompli tinsisti li dan ix-xogħol jibda' mill-aktar fis.

46.4.3 Huwa staqsa jekk kienx hem xi żvilluppi ġodda rigward l-implimentazzjoni tal-one way f'parti minn Triq is-Sejjieħ. Is-Sindku nforma li din bdiet illum għal perjodu ta' prova ta' 3 xhur skond l-approvazzjoni ta' TM.

46.4.4 Il-Kunsillier issuġerixxa sabiex jiġu nstallati PV Panels fuq il-bejt tal-Kunsill. Is-Sindku wera x-xewqa li l-bejt tal-bini tal-Kunsill jibqa' jiġi utilizat bħala spazju miftuħ u dawn jistgħu jsiru fuq il-bejt tal-clubhouse fi Triq il-Ħemel.

Mill-Viċi Sindku

46.4.5 Il-Viċi Sindku talbet sabiex jekk hu possibli l-Minuti tar-Reġjun Lvant jibdew jintbagħtu lil kull Kunsillier sabiex jkunu infurmati bi xogħol/żvillupi li jkunu għaddejjin anke fir-Reġjun. L-Aġent SE infurmat li se jkun qed issir hekk.

46.4.6 Rigward l-iskema ta' Clean-Up hija staqsiet jekk il-Kunsill ibbenifikax mill-fondi. L-Aġent SE infurmat li sa issa m'hemmx konferma pero' il-preparamenti diġa' bdew u hekk kif jkollna l-konferma l-informazzjoni kollha se tiġi ppublikata.

46.4.7 Il-Viċi Sindku nfurmat li l-vetturi li jkunu jridu joħorġu minn Triq il-Perkursur għal Triq Sant Andrija, qed issibuha diffiċli ħafna u ta' spiss qed ikun hemm aċċidenti ta' traffiku. Għaldaqstant hija talbet sabiex tinġibed l-attenzjoni ta' TM bil-possibilta' li tiġi nstallata Traffic Camera fi Triq Sant Andrija hekk kif taqbeż l-ex Forum Hotel sabiex is-sewwieqa jkun sfurzati jnaqqsu mill-veloċita li jkun tielgħin biha. L-Aġent SE ħadet l-inkarigu li tagħmel kuntatt ma' TM.

*Il-Kunsillier E.Rossignaud talab sabiex jkun skużat.Il-ħin kien 18.50.*

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**46.4 Kommunikazzjoni mill-Kunsillieri - ikompluġ**

Mill-Kunsillier T. Valentino

46.4.8 Il-Kunsillier infurmat li l-preperamenti għal Ġieħ is-Swieqi huma kollha ffinalizati u l-invii se jibdew jintbagħtu minn għada. Hija staqsiet jekk il-catering kienx ikkonfermat. L-Aġent SE infurmat li l-ikel/xorb huwa wkoll ikkonfermat. Hija ħeġġet lil kulħadd biex jattendi.

46.4.9 Hija staqsiet sabiex terġa' tintbagħat kopja ta' l-iskeda tal-knis f'kull triq. L-Aġent SE se tkun qed tibgħat l-iskeda. Il-Kunsillier M.Bonello talab sabiex jekk hu possibli tinkines parti minn Triq tal-Ibraġ (direzzjoni lejn il-Mekkek) peress li hemm ħafna trab li joħroġ mill-barrieri tal-viċinanza.

*Il-Kunsillier P. Fenech talab sabiex jiġi skużat. Il-ħin kien 19.15.*

Mill-Kunsillier A.Chetcuti

46.4.10 Rigward il-problemi li qed joħolqu l-escooters, il-Kunsillier ippropona sabiex ssir by-law dwar l-użu tagħhom fil-lokalita' sabiex din il-problema tiġi indirizzata mill-aktar fis. Wara diksuzzjoni,ġie deċiż li jiġi kkonsultat l-Avukat tal-Kunsill dwar din il-possibilta'.

46.4.11 Rigward il-problema ta' l-iskart, il-Kunsillier A.Chetcuti nforma li din l-isfida hija waħda kbira u tinħass l-iktar fi żmien tas-sajf minħabba l-influs tal-kirijiet. Hu rrimarka li huwa fl-obbligu ta' residenti stess li jekk qed jiġi nnutat li ċertu residenzi mhux isewgu l-iskeda tista' ssir camera biex jiġi ddentifikat min eżatt. Is-Sindku nforma li kien hemm xi każijiet fejn sar hekk u il-problema itaffiet pero' xorta' jibqa' l-fatt li l-Kunsill għandu bżonn iktar għajnuna fl-infurzar. Għaldaqstant il-Kunsillier A.Chetcuti talab jekk il-Kunsill għadux irrid jafda dan id-dekastru fit-responsabilta' tiegħu. Kien hemm qbil unanimu dwar dan minn dawk preżenti.

Mill-Kunsillier R.Scicluna

46.4.12 Il-Kunsillier staqsiet kif se nipproċedu rigward il-junction box li ġiet miżbugħa riċentament fi Triq is-Sirk k/m Tiq Sant Andrija. Wara diksuzzjoni ġie deċiż li jiġi miżbugħa 3 STOP signs ( 2 minnhom diġa kienu hemm). Waħda fi Triq l-Għarbiel, waħda fi Triq is-Sirk k/m Triq l-Għarbiel u oħra fi Triq is-Sirk k/w Triq Sant Andrija (diġa' qiegħda hemm). Kien hem qbil unanimu dwar dan.

Noel Muscat
Sindku

C. Buhagiar
Clarissa Buhagiar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**46.4 Kommunikazzjoni mill-Kunsillieri - ikomplu**

Mill-Kunsillier R.Scicluna

46.4.13 Hija issuġeriet sabiex jitħejja pjan ta' immaniġjar ta' traffiku fi żona ta' Triq il-Qantar/ Triq il-Wiżna sabiex it-traffiku jiġi mqassam b'mod aħjar u jkun evitat li jkun hem konġestjonijiet. Il-Kunsillier A.Chetcuti ukoll wera x-xewqa li jsir dan peress li din il-proposta ilha ftit li ġiet issuġerietha.

**46.5 Approvazzjoni ta' pagamenti u xiri ieħor**

L-iskeda tal-pagamenti nru.38 ġiet approvata minn dawk preżenti. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.

**46.7 Kommunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

46.7.1 L-Aġent SE ppreżentat l-iskema SPIC/SCI/6/2022- Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li l-Kunsill japplika sabiex jitranġaw il-ħsarat infrastruturali fil-bini tal-Kunsill kif tiswijiet fuq il-faċċata tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Din is-seduta spiċċat fit-19.45 u s-seduta li jmiss se ssir nhar il-Ħamis 6 ta' Ottubru fl-16.00.

Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Aġent Segretarju Eżekuttiv